# L-IMQABBA TA' MITT SENA ILU

*Kitba ta' Angelo Schembri*

Fuq talba tal-Bord Editorjali ta' dan il-programm tal-Festa, qed inżomm l-appuntament magħkom mill-ġdid, wara li s-sena l-oħra nqast milli nikkontribwixxi b'din is-sensiela ta' ġrajjiet tal-Imqabba u niesha, miġbura mir-Reġistri tal-Okkorrenzi ta' madwar mitt sena ilu. Huwa tajjeb li min ikun qed jaqra dawn il-kitbiet tiegħi, kultant jagħti titwila lil dak li nkun ktibt fis-snin ta' qabel, biex anke jara t-tibdil bejn il-każi li jinqalgħu fir-raħal. Hekk pereżempju fil-kitba ta' sentejn ilu, il-każi fil-parti l-kbira tagħhom kienu jxaqilbu lejn ostilità lejn il-kleru tar-raħal u pika bejn iż-żewġ każini Circolo Pio X u Circolo Giorgio V.[1] Fil-kitba ta' din is-sena, li tkopri bejn is-snin 1924 u 1927, il-miżien ixaqleb iżjed lejn kriminalità organizzata speċjalment is-serq, u każi marbuta mal-attività piroteknika fl-Imqabba.

## Serq fl-Imqabba

F'diversi rapporti mill-kitbiet ta' qabel rajna kemm kienu komuni serqiet ta' prodotti agrikoli mill-għelieqi u oħrajn ta' għodda mill-barrieri li r-raħal tant hu magħruf għalihom. Ma' dawn se nżid sengħa oħra li kienet tintuża għall-għixien fl-Imqabba. Fil-21 ta' Marzu 1924 Francesco Parnis tal-Maroch, li kien joqgħod is-Siġġiewi, irraporta li persuni mhux magħrufa daħlu fil-ħanut tiegħu ta' ħaddied li kien jinsab f'26/27 Via Valletta. Minnu serqulu kwantità t'għodda bħal fiesa, turnaviti, limi, xfafar, arloġġ u spiritiera tal-pitrolju, li komplessivament kienu jiswew madwar sitt liri sterlini. Fir-rapport hu jsemmi li qed jissuspetta f'raġel mill-Imqabba, iżda mit-tfittxija li ssirlu jirriżulta fin-negattiv. Fid-29 t' Ottubru 1924, Roccu Farrugia il-Bennej jirraporta li matul il-lejl ta' qabel, persuni mhux magħrufa daħlulu f'kamra ġol-barriera billi ħaffru taħt l-għatba tal-bieb, u minnha serqulu mrietel, serrieq u ħafna għodda oħra.

Każ daqsxejn kompless seħħ fis-7 ta' Mejju 1924 meta bejn is-2:00 a.m. u l-5:00 a.m., persuni mhux magħrufa daħlu fid-dar tal-aħwa Mallia ta' Cangiu, li kienet tinsab f'29, *Strada San Basilio*. Mir-rapport jirriżulta li l-ħallelin daħlu minn kamra miftuħa biex għaddew jisgassaw il-bibien tal-kmamar l-oħra magħluqa, b'għodda li ħallew warajhom wara li ħarbu mill-post. Il-kxaxen tal-għamara kienu kollha mqallbin u l-ħwejjeġ merfugħa fihom kollha mxerrda mal-art u nsterqu diversi ġojjelli. Il-pulizija mill-ewwel bdew l-investigazzjonijiet u minnhom beda jissemma ċertu Innocenzo Gauci Id-Dauua, li kien karattru dubjuż u diġà weħel il-ħabs fuq serq. Irriżulta li ħames xhur qabel is-serqa, Gauci kien ħajjar lil Emanuele Debattista ta' Pranz u Giuseppe Borg tat-Trux biex jidħlu d-dar tal-aħwa Mallia u jisirquhom, bil-patt li hu jtihom iċ-ċwievet tad-dar tagħhom. Debattista u Borg mhux talli rrifjutaw, iżda saħansitra infurmaw b' kollox lill-pulizija. Giuseppe Mallia, wieħed mill-aħwa vittmi tas-serqa, meta mistoqsi kellux xi suspett dwar min seta' kien li seraqhom, stqarr li fl-aħħar jiem kien qed jinnota żewġ ġuvintur mhux magħrufa, jgħaddu kuljum minn quddiem l-għalqa tiegħu għall-ħabta ta' nofsinhar, u anke li darba minnhom ftit qabilhom għadda s-suspettat Innocenzo Gauci. Meta ġie interrogat, Gauci ċaħad kulma ntqal dwaru iżda xorta nżamm arrestat għal iżjed investigazzjoni. L-għada saret tfittxija fid-dar ta' Gauci u ġew elevati diversi għodda li setgħu faċilment intużaw għal sgass ta' bibien.



*Il-Pjazza kif kienet qabel bl-istatwa fin-nofs ta' Sant'Irokku li tissema f'dan l-artiklu*

## Illegalitajiet u Intimidazzjoni

Sfortunatament bħalma ġieli ktibt, minn dawn is-sensiela ta' kitbiet joħroġ il-lat ikrah tal-bniedem, iżda nsostni li dawn l-artikli għandhom jitqiesu fil-kuntest storiku tagħhom biss. Il-bniedem kien dak li kien u hu dak li hu, u niżbaljaw jekk nimmaġinaw li l-kriminalità hija xi ħaġa li bdiet wara l-Gwerra u li qabel kulħadd kien qaddis. Dawn ir-rapporti jissostanzjaw dan li qed nikteb. Nhar it-Tre Re tal-1925, xi ħadd mhux magħruf tefa' bomba ġo *Strada San Basilio*, li meta splodiet intlaqat f'sidru Lorenzo Vella tal-Borsa, u kkawżat ħsarat fil-ħġieġ tad-djar ta' Carmelo Caruana tal-Avemarija u Grazio Abdilla ta' Paulica. Fit-22 t'Awwissu 1925 Raimondo Ellul tas-Singhis irraporta li Giovanni Zammit tan-Naxxari, insulta diversi membri tas-*Society of the Pio X Club* waqt li kienu fuq il-bejt tal-istess każin. Madwar xahar wara, l-kuntistabbli A. Magro, waqt ir-ronda nnota biċċa kartuna mwaħħla mal-pedestall tal-istatwa tal-ġebel ta' Santu Rokku fi *Piazza Chiesa*. Fuq il-kartuna kien hemm miktub kliem ta' theddid lil dawk li jixtru mingħand ċertu bejjiegħ tal-ħobż minn Ħal Luqa. Fis-17 ta' Novembru 1926, Gio Maria Abdilla ta' Lapura ġie rrapurtat talli organizza teatrin fit-23 t' Ottubru u fl-14 ta' Novembru, mingħajr ma kellu l-permessi meħtieġa biex jagħmel dan. Abdilla biegħ ukoll biljetti għal żewġ

lotteriji, li l-premjijiet għalihom kienu kejk u pakkett sigaretti, mingħajr ma kellu liċenzja mit-Teżor biex jagħmel lotterija. Ta' dawn huwa weħel multa ta' lira sterlina. Tajjeb ngħidu li din ma kinitx l-ewwel darba li Gio Maria Abdilla ġie rrapurtat talli organizza rappreżentazzjonijiet teatrali bla permess f'daru.[2]

## Is-snin bikrija tal-Arti Piroteknika

Nhar is-16 ta' Lulju 1925, seħħ inċident fatali fl-Imqabba marbut mal-ħidma tan-nar għall-festa ta' Santa Marija. Fiż-żmien li qed nikteb dwaru, ħadd ma kien għadu joħlom bl-infurzar ta' liġijiet dwar saħħa u sigurtà. Kienu għadhom kemm bdew jinfetħu postijiet tan-nar biex jintużaw speċifikament biex fihom jinħadem u jinħażen in-nar. Barra minn hekk, id-dilettanti kienu jutilizzaw xi dwejriet f'għelieqi jew kmamar fil-barrieri, 'il bogħod minn għajnejn in-nies biex fihom jaħdmu n-nar ħalli ma jħallu nieqsa minn xejn lill-festa li kienu jħobbu. Jinsabu dokumentati diversi każi ta' tfittxijiet mill-pulizija fi djar residenzjali b'rabta ma' suspett ta' manifattura ta' logħob tan-nar jew żamma ta' sustanzi splussivi. Kull meta kienet tkun qed toqrob festa partikolari ta' raħal, sa minn xahar qabel, il-pulizija kienet tidentifika xi persuni li jkun hemm xi suspett dwarhom li qed jaħdmu n-nar illegalment, u tmur tqallbilhom djarhom. F'diversi każi, dawn kienu jirriżultaw fl-affermattiv. Giovanni Zammit ta' Brajnek, kellu jtemm ħajtu fl-għomor ta' 44 sena, b'riżultat ta' splużjoni ġo daru f'51/52, *Via Valletta*. Zammit kien joqgħod faċċata tal-Iskola Primarja tal-Imqabba, fejn illum toqgħod il-Familja Galea fid-dar numru 105. L-okkorrenza tal-Pulizija li kien għassa dakinhar, tgħid li waqt li Giovanni kien f'daru jħallat 10 libbri porvli mal-putassa, b'xi mod dal-materjal ħa n-nar u kkaġuna splużjoni kbira, li ħallietu ferut gravi kif ġie ċċertifikat minn Dr. R. Milanesi. Din l-isplużjoni kkawżat danni kbar mhux biss fid-dar imsemmija ta' Zammit, iżda anke f'dik ta' maġenbha nnumerata 50, proprjetà ta' William Spiteri mill-Belt, u li fiha kien joqgħod Michele Ghigo u l-familja tiegħu. Zammit ittieħed l-Isptar Ċentrali tal-Furjana u rapport tal-każ ġie mgħoddi lill-Maġistrat Dr. G. Depasquale, li mar iżur il-post tal-inċident minnufih. Sfortunatament, Giovanni Zammit tilef ħajtu jumejn wara, fit-18 ta' Lulju fis-2.30 a.m., ibati minn ħruq ma' ġismu kollu u qatgħa kbira kkawżata mill-isplużjoni. Il-funeral tiegħu sar mill-Kappillan Dun Paċifiku Mifsud u ndifen fil-qabar numru 42, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba.[3]



*Dilettanti tan-nar tal-Ġilju fil-post tan-nar tagħhom.*

Fis-6 ta' Ġunju 1926, Angelo Zammit ta' Ġiustu rraporta li sab miftuħ wieħed mill-bibien tal-post tan-nar tiegħu fl-inħawi tal-Isqof, iżda ma sab xejn nieqes minnu. Fl-20 ta' Lulju 1926 jiġi rrapurtat fir-reġistru tal-Okkorrenzi, illi fuq struzzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija, sitt persuni liċenzjati bħala responsabbli minn kmamar tan-nar, ġew avżati biex ma jaħdmux nar qabel ma jingħata ordni ieħor, u anke ttiħdulhom il-permessi tal-postijiet tan-nar tagħhom. Il-kmamar tan-nar imsemmija kienu jinsabu ż-Żurrieq, Ħal Kirkop, il-Qrendi u l-Imqabba. Din tal-Imqabba kienet f'idejn Angelo Zammit ta' Giustu, li għadni kemm semmejt hawn fuq, bil-permess Numru 4186. Fl-istess ġurnata, l-Ispettur Saliba jirraporta li Grazio Mangion tal-Giandarm kien qed imexxi post tan-nar fl-inħawi tal-Isqof, u fih jaħdem u jaħżen murtali mingħajr ma kellu permess tal-pulizija biex jagħmel dan. Grazio Mangion ukoll jiġi avżat bl-ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Mhux magħruf għala kienet ħarġet din l-ordni biex ma jinħadimx nar, iżda llum il-ġurnata din qed tiswa lilna biex sirna nafu liema kienu l-postijiet tan-nar liċenzjati fl-inħawi tagħna ta' wara l-mina madwar 90 sena ilu. Rapport ieħor marbut ma' dan il-każ iġib id-data tad-9 t'Awwissu 1926, fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija. F'dan ir-rapport jitniżżel li l-pulizija taw lura erba' kaxxi mimlija murtali lil Grazio Mangion tal-Giandarm. Dawn il-murtali kienu ġew konfiskati mill-post tan-nar tiegħu fir-rejd tal-20 ta' Lulju. Ir-rapport jippreċiża li l-imsemmi post tan-nar ta' Mangion, fil-preżent kien taħt idejn il-pulizija minħabba li ma kellux liċenzja biex jopera.



*Ħafna minn nar kien jinħadem fil-barrieri tal-madwar.*

Żewġ okkażjonijiet oħra li ma kinux daqshekk spissi għal irħula rurali bħall-Imqabba kienu żewġ *meetings* politici li saru fir-raħal mill-*Constitutional Party* nhar id-29 ta' Marzu 1925 u li fih tkellem Sir Gerald Strickland li kien imexxi l-partit u *meeting* ieħor mill-*Partito Nazionalista* fil-5 t'Awwissu 1927. F'dawn il-meetings, minbarra d-diskorsi politiċi kien ikun hemm għors sħiħ ta' bbuwjar u interruzzjonijiet mill-popolin u spiss kienet titqassam il-karità lin-nies tal-lokal. Avvenimenti bħal dawn kienu jħawru l-ħajja kultant monotona tan-nies tar-raħal li tinkiser biss kif jaslu l-festi tal-lokal. Hekk kien u hekk għadu sal-ġurnata tal-lum!

*Noti u Referenzi*

*1 Ara Angelo Schembri, 'L-Imqabba ta' Mitt Sena ilu', fil-Programm tal-Festa Madonna tal-Ġilju Mqabba 2016, Paġni 153 - 161.*

*2 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, POL, Żurrieq. Mir-Reġistri tal-Okkorrenzi jidher li dan Gio Maria Abdilla kellu passjoni kbira lejn it-teatrin. Rapporti dwar attivitajiet teatrali bla permess jinsabu wkoll fis-snin 1914 u 1921.*

*3 Ara Angelo Schembri, 'Giovanni Zammit Membru Ewlieni taċ-Circolo Giorgio V' fil-Programm tal-Festa Santa Marija Mqabba 2016, Paġni____-____.*